MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 164/1988/1

Loreta mart Joseph Borg u l-istess Joseph Borg bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu l-istess Loreta Borg

vs

Carmela arma ta' Antonio Buttigieg

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew:

Illi l-konvenuta hija proprjetarja ta' kamra u ghorfa fuq formanti parti mil-lok ta' djar fin-numru 1 ta' Garden Street, Ghajnsielem, kif ukoll hija qeghdha tokkupa zewg ghorof ohra u gardina formanti parti mill-istess lok ta' djar li kienu thallew b'uzufrutt lill-mejjet Antonio Cordina bit-testment tal-mejtin Salvu u Maria konjugi Cordina b'testment fl-atti

tan-Nutar Dottor Antonio Galea tad-19 ta’ Novembru 1969;

Illi dan l-ahhar il-konvenuta qabdet u fethet tieqa minn dawn l-ambjenti ghal fuq il-proprjeta tal-attrici li tikkonsisti f’bicca art li qabel kienet kamra fin-numru 1, Garden Street, Ghajnsielem, bil-giardina annessa ta’ xi elfejn, mija u hamsin pied kwadri annessa minn nofsinhar u kollox imiss tramuntana mal-imsemmija triq u ma’ beni ta’ Giuseppi Xerri, lvant ma’ beni tal-Kappillan ta’ Ghajnsielem, nofsinhar ma’ beni ta’ Pawlu Debono u punent mal-ambjenti imsemmija aktar il-fuq;

Illi ghalhekk l-agir tal-konvenuta jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attrici;

Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex tisporga l-ispoll minnha kommess il-konvenuta baqghet inadempjenti;

TALBU ghaliex il-Qorti ma ghandhiex:

1. tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tirreintegra lill-attrici u tisporga l-ispoll minnha kommess billi terga’ taghlaq it-tieqa li hija fethet ghal fuq il-propjeta tal-attrici;

2. fin-nuqqas tigi l-istess attrici awtorizzata li tisporga hija stess l-ispoll kommess mill-konvenuta billi timblokka l-istess tieqa kollox ghas-spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Dicembru 1988 kollha kontra il-konvenuta li tibqa’ minn issa imharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda;

Rat in-ntoa ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmela armla ta’ Antonio Buttigieg fejn eccepiet:

1. li preliminarjament c-citazzjoni hija irrita u nulla stante li ma fihiex t-talba mehtiega ghad-dikjarazzjoni ta' spoll u ghalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet fic-citazzjoni qatt ma jistghu jigu milqugha;

2. li l-azzjoni odjerna ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li ma jezistux r-rekwiziti ta' l-ispoll stante li la kien hemm spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-atturi; fi kwalunkwe kaz t-tieqa imsemmija ilha zmien twil miftuha.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza kompriza n-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta u s-sentenza preliminari (fol.22) ta' dina l-Qorti differentement preseduta fejn iddisponiet mill-ewwel eccezzjoni billi cahdita.

Ikkunsidrat:

Illi tolta di mezzo l-ewwel eccezzjoni jibqa' biex jigi deciz il-meritu proprju tal-kawza li hi ta' spoll koncernanti tieqa li l-atturi jsostnu nfethet mill-konvenuta ghal fuq il-proprjeta taghhom. It-tieqa apparentement li hi dik murija fid-dok.JB folio 39 li tinsab fuq il-gemb.

Illi tajjeb li l-Qorti qabel xejn taghti resokont tal-fatti li emergew mill-provi li gew prodotti. F'dan il-kuntest rrizulta lil din il-Qorti li l-fatti pruvati u fuq liema sejra eventwalment tibbaza d-decizjoni taghha huma kif ser jinghad:

1. li l-fond kien originarjament fond wiehed; Rose Cutajar xebba Cordina u oht il-kontendenti (xhieda tieghu fol.154 et seq) stqarret fir-rigward li " kienet tan-nannu u wara ghaddiet ghand il-genituri. Meta kienet izzewget Loreta (l-

attrici) tablet lil  ommi din id-dar.  Jiena ma ridtx minnha u ommi qasmitilhom bicca lil Loreta u bicca lil Carmela. Il-parti li tat lil Carmela kienet accessibbli minn kuritur imsaqqaf'.  Anka l-attur Joseph Borg (folio 28) accenna ghall-fatt li l-fond gie ghand martu b'dota minn ommha, fil-waqt li l-Avukat Victor Bajada (xhieda tieghu a folio 161 et seq), li allura kien jippatrocina lill-konvenuta, dehrlu li kienet saret divizzjoni li permezz taghha l-attrici kienet hadet parti mill-fond l-antik li kien fi Triq il-Gnien, hdejn il-knisja l-antika, u l-konvenuta kienet hadet il-fond bin-numru wiehed kif tibda Triq il-Gnien, int u tiela' fuq ix-xellug.

2.  li l-indikazzjonijiet kollha rizultanti mill-provi huma li t-tieqa kienet ilha ezistenti. Luigi Cammilleri (xhieda tieghu fol.39 et seq) xehed li fost ix-xoghol li ghamel fuq inkarigu ta' l-attur Joseph Borg, kien hemm l-gheluq ta' din it-tieqa. Jghid li kien imbarrha bil-gebel; l-injam u l-hgieg taghha halliehom fuq il-post. L-Avukat Bajada ikkonfermha li kien hemm tieqa li iddeskriviha 'antika' li kienet tidher li kienet ilha miftuha minn zmien  minn meta sar il-post, 'mijiet ta' snin'.

3.  li hu assodat li t-tieqa meritu l-kawza giet imbarrata mill-attur (jghid: 'tieqa giet maghluqa fuq istruzzjonijiet tieghi') circa 1987 (skond kif stqarr il-bennej u ibnu) u induna li kienet infethet, anzi li kienu z-zewg subien tieghu li kienu indunaw, lejliet il-Milied tas-sena ta' wara, jigifieri tas-sena 1998.

4.  li l-attur ikkonferma li ma kienx talab permess biex ghalaq it-tieqa u ta' dan hemm ix-xhieda tal-konvenuta (folio 138 et seq) li kienet gja allura tokkupa dak l-fond.

5.  li skond l-istess konvenuta t-tieqa kienet fethita wara ftit jiem li nghalqet. Tghid li kienet osservat il-bennej qed jaghmel ix-xoghol waqt li kienet hierga u ratha imbarrata kif irritornat. Wara li kelmet lil Dottor Bajada li kien wkoll acceda fil-fond kienet fethita. Tghid li kienu ghaddew biss granet fuq li kienet inghalqet.

Illi fuq l-iskorta ta’ dawn il-fatti l-kwesit li jehtieg risposta huwa:- jekk l-elementi ta’spoll jissusistux, igifieri: (a) il-fatt tal-pussess jew detenzjoni; (b) il-fatt ta’ spoll; (c) li l-azzjoni tkun giet istitwita fi zmien xahrejn mill-kummissjoni ta’ l-ispoll. Dawn huma it-tliet elementi kumulattivi li l-attur kien tenut li jipprova biex jirnexxi fil-kawza possessoria minnu esperita*.*

Ezaminati separatament l-elementi fuq imsemmija ghandu jirrisulta li l-attur difficilment jista’ rnexxa fil-prova ta’ imqarr wahda minn dawn l-elementi anchorche’ xorta kien ikun tellief fin-nuqqas tal-prova fuq it-tliet elementi kumulattivament. Dan ghaliex: fir-rigward l-ewwel element l-provi juru li l-pussess/detenzjoni tat-tieqa kienet tal-konvenuta. Inutili li l-attur jiggranfa mal-fatt li t-tieqa kienet thares fuq proprjeta tieghu ossia l-passagg liema titolu minnu vantat hu wkoll ekwivoku. L-attur donnu jippretendi li t-tieqa kien ghalaqha bil-*bene placitu* ta’ Anthony Cordina li jghid kien il-proprjetarju u b’hekk tnissel il-pussess tieghu. Din l-asserzjoni tieghu pero’ imkien m’hi suffragata mill-provi. Dawn anzi juru ineccepibbilment li kienet l-konvenuta fil-pussess/detenzjoni u l-att spoljattiv se mai kien tal-attur. Fuq din il-vena hemm wkoll l-massima reklamata mill-konvenut tal-*vim vi repellere licet.* Li tali auto difesa hi ammessa fid-dottrina m’hemmx dubbju. Jghid it-Torrente *‘contro l’altui azzione violenta e’ consentita anche l-auto difesa. Percio posso oppormi alla violenza mentre questa e’ in atto (in continente e non ex intervallo). Se invece la violenza e’ cessata devo ricorrere al gudice esperendo l’azzione possessoria’* - Manuale di Diritto Privato pag 382. Sabet ukoll applikazzjoni fil-gurisprudenza nostrali. Hekk, per ezempju, iddecidiet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza Gorg Camilleri –v- Gorg Bonello deciza fil-5 ta’ Ottubru 1998 (Vol.LXXXII pt.II pg.499) li irriteniet illi *r-reazzjoni tal-konvenut (f’dak il-kaz) dakinhar stess li l-attur ikkommetta l-att spoljativ tieghu ma setghetx ma titqies li kienet wahda immedjata reattiva fil-kuntest ta’ l-istess incident uniku appena li l-konvenut seta’ jaccerta ruhu li seta’ jagixxi b’mod li jevita konfrontazzjoni fizika kif kellu kull dritt jekk mhux dover li jaghmel;* l-istess immedjatezza fl-azzjoni li timmedesima ruhha wkoll f’dan il-kaz meta l-konvenuta minnufih kelmet

lil Avukat Bajada u f'dik il-gurnata jew appena wara irripristinat t-tieqa billi nehhiet il-gebel. Gie wkoll deciz li l-ebda spoll ma jissusisti meta kommess minn persuna li hija gja fil-pussess tal-haga (Appell deciz 2 ta' Marzu 1988 fl-ismijiet Lorenzo Said –vs- Joseoh Vella et pro et noe). Fir-rigward it-tielet element huwa sufficjenti li l-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza citata fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta.

Ghaldaqstant u fuq l-iskorta tal-fuq premess qeghdha tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------